*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,086, 14 ta' Lulju, 2023*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXIV tal-2023**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi sabiex tiżdied il-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi u għal materji anċillari jew konsegwenzjali għalihom.**

**ACT No. XXIV of 2023**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Consumer Affairs Act, Cap. 378, and the Consumer Claims Tribunal Rules to increase the competence of the Consumer Claims Tribunal and to make ancillary and consequential provisions thereto.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

14 ta' Lulju, 2023

## ATT Nru XXIV tal-2023

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi sabiex tiżdied il-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi u għal materji anċillari jew konsegwenzjali għalihom.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u huwa jista' hekk jistabbilixxi dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

## TAQSIMA I
## Emendi għall-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur

Emendi għall-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 378.

**2.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "ma jkunx aktar minn ħamest elef euro (€5,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jkunx aktar minn għaxart elef euro (€10,000)"; u

(b) fil-proviso għall-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "ikun iktar minn ħamest elef euro (€5,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ikun iktar minn għaxart elef euro (€10,000)".

## TAQSIMA II
## Emendi għar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi

Emendi għar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. L.S. 378.01.

**4.** Din it-Taqsima temenda r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regoli prinċipali".

Emenda tar-regola 2 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Fir-regola 2 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara t-tifsira "ordni ta' inadempjenza" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "post remot" tfisser post 'il barra mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi;".

Emenda tar-regola 3 tar-regoli prinċipali.

**6.** Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata b'dan li ġej:

(a) is-subregola 3.1.A tagħha għandha tiġi sostitwita b'din is-subregola l-ġdida li ġejja:

"3.1.A. Talba tista' wkoll tiġi ppreżentata permezz ta' 'avviż ta' riċevuta' bil-posta reġistrata jew elettronikament permezz tal-portal online apposta:

Iżda fejn talba quddiem it-Tribunal hija ppreżentata elettronikament wara l-ħinijiet tal-ftuħ tar-Reġistru, tali talba għandha titqies li ġiet ippreżentata fl-ewwel jum ta' ftuħ li jmiss tal-imsemmi Reġistru."; u

(b) fis-subregola 3.4 tagħha, il-kliem "ħamest elef euro (€5,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għaxart elef euro (€10,000)".

**7.** Is-subregola 4.2.A. tar-regola 4 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita b'din is-subregola l-ġdida li ġejja: Emenda tar-regola 4 tar-regoli prinċipali.

"4.2.A. Risposta għal talba tista' wkoll tiġi ppreżentata b' 'avviż ta' riċevuta' bil-posta reġistrata jew elettronikament permezz tal-portal online apposta:

Iżda fejn risposta għal talba quddiem it-Tribunal hija ppreżentata elettronikament wara l-ħinijiet tal-ftuħ tar-Reġistru, tali risposta għandha titqies li ġiet ippreżentata fl-ewwel jum ta' ftuħ li jmiss tal-imsemmi Reġistru.".

**8.** Fis-subregola 5.3 tar-regola 5 tar-regoli prinċipali, il-kliem "ħamest elef euro (€5,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għaxart elef euro (€10,000)". Emenda tar-regola 5 tar-regoli prinċipali.

**9.** Minnufih wara s-subregola 11.7 tar-regola 11 tar-regoli prinċipali għandha tiġi miżjuda s-subregola ġdida li ġejja: Emenda tar-regola 11 tar-regoli prinċipali.

"Preżenza permezz ta' link għall-konferenzi bil-vidjo live.

11.7.A (1) Fi kwalunkwe talba, it-Tribunal jista' fuq rikors ta' waħda mill-partijiet jew *ex officio,* jiddikjara li kwalunkwe parti jew xhud f'post remot għandhom jiġu ttrattati bħala preżenti fit-Tribunal għal kwalunkwe parti tal-proċeduri, jew għall-proċeduri kollha.

(2) It-Tribunal ma għandux jagħti ordni skont is-subregola (1) jekk:

(a) ma jkunx sodisfatt li huma disponibbli faċilitajiet li jippermettu li persuni fil-post remot jipparteċipaw b'mod attiv fis-seduta preseduta mit-Tribunal;

(b) ikun inġust għal xi waħda mill-partijiet li jsiru seduti permezz ta' links ta' konferenzi bil-vidjo live; jew

(ċ) ikun kuntrarju għall-interessi tal-ġustizzja li jsir hekk.

(3) Jekk it-Tribunal jiddeċiedi li ma jagħtix ordni skont is-subregola (1) sabiex jorganizza seduti permezz ta' links ta' konferenza bil-vidjo, hu għandu jagħti r-raġunijiet tiegħu għar-rifjut.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att u għal kwalunkwe regolamenti u regoli magħmula taħtu, it-Tribunal għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess għall-amministrazzjoni tal-proċeduri tal-konferenzi bil-vidjo live.".

Sostituzzjoni tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali.

**10**. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tiġi sostwita b'din l-Iskeda ġdida li ġejja:

**"L-EWWEL SKEDA**

**TARIFFA A**
**Drittijiet li jitħallsu fir-Reġistru ta' Tribunal**

1. Għall-preżentata ta' avviż tat-talba jew risposta flimkien ma' avviż tal-kontro-talba:

1.1 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi €580.00……....€7.00

1.2 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi €1,165 ....….€11.50

1.3 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi €2,330..........€18.50

1.4 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi €3,500 .........€23.00

1.5 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi €5,000 ...….€27.50

1.6 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi €6,500..........€32.00

1.7 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi €8,500..........€36.50

1.8 meta l-ammont mitlub jeċċedi €8,500......................... €41.00

2. Għall-preżentata ta' risposta għal talba mingħajr avviż tal-kontro-talba jew risposta għall-kontro-talba …………………….€7.00

3. Għall-preżentata ta' kwalunkwe rikors jew kwalunkwe att ieħor inkluż il-preżentata ta' rapport tekniku tal-arbitru …..…….…..….€2.00

4. Għal kull notifika ………………………………………€2.50

5. Għal kull deċiżjoni finali tat-Tribunal:

5.1 għar-rigward tal-ewwel €1,165 ……………...............…€9.50

5.2 għar-rigward ta' kwalunkwe valur li ma jeċċedix €5,000.........................................................€18.50

5.3 għar-rigward ta' kwalunkwe valur li jeċċedi €5,000...................................................................€27.50

**TARIFFA B**
**Drittijiet li jitħallsu għal Pubblikazzjonijiet**

1. Għall-pubblikazzjoni ta' reklami fil-Gazzetta, għal kull inserzjoni ……....................................................................................€5.00

**TARIFFA Ċ**
**Drittijiet li jitħallsu fir-Reġistru tal-Qorti tal-Appell**

1. Għall-preżentata ta' rikors ta' appell …..……………...€35.00".

**11.** It-Tieni Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita b'din l-Iskeda ġdida li ġejja: Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali.

## "IT-TIENI SKEDA

| |
|---|
| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU |
| LOKALITÀ |

## FORMOLA 1

**AVVIŻ TAT-TALBA**
**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI**

| | |
|---|---|
| **MINN**<br><br>Indika l-isem, in-numru tal-karta tal-identità, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon u, jew tal-mobile tal-persuna li qiegħda tagħmel it-talba | **RIKORRENT**<br>(min qed jagħmel it-talba) |
| **LIL**<br><br>Indika l-isem, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon u, jew tal-mobile tal-persuna li kontriha qiegħda issir it-talba (kwalunkwe dettalji oħra ta' identifikazzjoni disponibbli, inkluż in-numru tal-karta tal-identità jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija għandhom jiġu inklużi) | **INTIMAT**<br>(min qed jirċievi t-talba) |

**AVVIŻ LILL-PARTI LI KONTRIHA QED ISSIR IT-TALBA**

Kull min jiġi notifikat b'dan l-Avviż tat-Talba għandu fi żmien 18-il jum mid-data tan-notifika jippreżenta risposta. Jekk jonqos milli jagħmel dan, it-Tribunal jista' jgħaddi biex jiddeċiedi t-tilwima fl-assenza tiegħu.

| **GĦALL-UŻU UFFIĊJALI BISS** | |
|---|---|
| AMMONT MITLUB | € |
| DRITTIJIET TAL-PREŻENTATA | € |
| DRITTIJIET TAN-NOTIFIKA | € |
| **TOTAL** | **€** |

**DETTALJI DWAR IT-TALBA**

| **DIKJARAZZJONI TAR-RIKORRENT** |
|---|
| Jiena/Aħna irreferejt/irreferejna t-talba tiegħi/tagħna lid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)/lill-għaqda tal-konsumaturi reġistrata li pprova/pruvat jikseb/tikseb arranġament fit-tilwima tiegħi/tagħna, liema arranġament ma nkisibx fi żmien 15-il jum tax-xogħol. |

| | |
|---|---|
| Indika n-numru ta' referenza tal-file tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur jew tal-għaqda tal-konsumaturi u indika d-data meta int irreferejt it-talba tiegħek lid-Direttur Ġenerali jew lill-għaqda tal-konsumaturi reġistrata, skont il-każ. | Numru ta' referenza:<br><br>Data: |

| | |
|---|---|
| **AMMONT MITLUB**<br>Indika kemm hu l-ammont li qed titlob mingħand l-intimat | € |
| **ĊESSJONI TA' PARTI MIT-TALBA**<br>Jekk qiegħed iċċedi parti mit-talba tiegħek 'il fuq minn €10,000.00, iffirma din id-dikjarazzjoni | Jien niddikjara li kull ammont mit-talba tiegħi 'l fuq minn €10,000.00 qiegħed jiġi ċedut<br><br>.............................................................<br>Firma |

A 494

| | |
|---|---|
| **STADJU 1**<br><br>Imla l-Avviż tat-Talba billi tikteb b'mod ċar jew tittajpja l-informazzjoni mitluba.<br><br>**STADJU 2**<br><br>L-Avviż tat-Talba għandu jiġi preżentat fir-Reġistru tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. Għandu jitħallas id-dritt tal-preżentata, li jiddependi mill-ammont li qiegħed titlob, u d-dritt tan-notifika. Is-Segretarju tat-Tribunal imbagħad jgħaddi biex jinnotifika f'ismek lill-intimat b'kopja tal-Avviż tat-Talba.<br><br>**STADJU 3**<br><br>Jekk l-intimat jippreżenta risposta, inti tiġi nnotifikat/a b'kopja ta' dik ir-risposta. Jekk fi żmien 18-il jum mill-jum tan-notifika tal-Avviż tat-Talba ma tiġi preżentata l-ebda risposta, inti tista' tapplika għall-ħruġ ta' ordni ta' inadempjenza kontra dak l-intimat li jkun naqas milli jippreżenta risposta. | **MINN**<br><br>Għandek tassigura li l-indirizz inidikat minnek huwa korrett għaliex s-Segretarju tat-Tribunal se jibgħatlek l-avviżi jew informazzjoni oħra fl-indirizz indikat. Jekk int tibdel l-indirizz tiegħek, jekk jogħġbok avża lis-Segretarju tat-Tribunal b'dan minnufih billi ċċempel fuq 21227070 jew tibgħat email fuq tribunal.cases@mccaa.org.mt.<br><br>**LIL**<br>Għandek tassigura li l-isem u l-indirizz tal-intimat huma korretti. Jekk hemm iktar minn intimat wieħed, indika l-isem ta' kull intimat (ħdejn xulxin) fl-ispazju provdut. F'każ bħal dan però, għandek tkun ċert li t-talba hija riżultat tal-istess transazzjoni.<br>Meta l-intimat huwa kumpanija b'responsabbiltà limitata, it-talba għandha ssir kontra l-imsemmija kumpanija u mhux kontra d-diretturi jew l-impjegati tal-istess kumpanija.<br>Meta l-intimat jopera taħt xi isem kummerċjali, it-talba trid issir kontra l-proprjetarju tan-negozju.<br><br>**AMMONT MITLUB**<br>Jekk il-valur tat-talba tiegħek teċċedi l-€10,000.00 (mingħajr ma tqis id-drittijiet tal-preżentata u tan-notifika), int xorta għadek tista' tippreżenta t-talba tiegħek quddiem it-Tribunal jekk int lest li ċċedi dik il-parti tat-talba tiegħek li taqbeż l-€10,000.00. F'dan il-każ, għandek tiddikjara fit-taqsima 'Ċessjoni ta' Parti mit-Talba' li int tkun qed iċċedi dik il-parti mit-talba tiegħek 'il fuq minn €10,000.00.<br><br>**SPJEGA X'ĠARA**<br>Iddikjara x'qiegħed jintalab. Għandek iżżomm id-deskrizzjoni tiegħek fil-qosor u għandek tindika dettalji sufficjenti sabiex l-intimat jifhem x'inhu b'mod ċar il-każ tiegħek. Se jkollok l-opportunità li tippreżenta l-fatti kollha waqt is-seduta. Għandek tinkludi fotokopji tad-dokumenti kollha relevanti li tixtieq tippreżenta.<br><br>**FEJN GĦANDEK TIPPREŻENTA L-AVVIŻ TAT-TALBA**<br>Avviż tat-Talba għandu jiġi preżentat fir-Reġistru tat-Tribunal fejn tkun seħħet it-transazzjoni li għaliha tkun qed tirreferi t-talba. |

**F'każ li għandek bżonn aktar informazzjoni jew gwida, inti tista' tikkuntattja lis-Segretarju tat-Tribunal fuq 21227070 jew tibgħat *email* fuq <u>tribunal.cases@mccaa.org.mt</u>**

## **DETTALJI DWAR IT-TALBA** - tkompli

| | | |
|---|---|---|
| **INDIKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN IL-PARTI** | Isem u kunjom tal-persuni li bi ħsiebek tħarrek bħala xhieda | |
| **SPJEGA X'ĠARA** | **TISTA' TEHMEŻ IKTAR KARTI JEKK DAN L-ISPAZJU MHUWIEX BIŻŻEJJED** | |
| Għandek tindika x'qiegħed titlob billi tispjega fil-qosor il-fatti li wasslu għat-tilwima | | |
| Tikkunsidra seduta virtwali (post remot) minflok li tattendi fiżikament ġewwa t-Tribunal? | IVA ☐ | LE ☐ |
| | Firma tar-rikorrent | Data |

| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU |
|---|
| LOKALITÀ |

## FORMOLA 1A

**AVVIŻ TAL-KONTRO-TALBA**
**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI**

| | |
|---|---|
| **MINN**<br><br>Indika l-isem, in-numru tal-karta tal-identità u/jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon u, jew tal-mobile tal-persuna li qiegħda tagħmel it-talba | **INTIMAT**<br>(min qed jirċievi t-talba) |
| **LIL**<br><br>Indika l-isem, in-numru tal-karta tal-identità, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon u, jew tal-mobile tal-persuna li qiegħda tagħmel it-talba kontrik | **RIKORRENT**<br>(min qed jagħmel it-talba) |

**AVVIŻ LILL-PARTI LI KONTRIHA QED ISSIR IL-KONTRO-TALBA**

Kull min jiġi notifikat b'dan l-Avviż tal-Kontro-talba għandu fi żmien 18-il jum mid-data tan-notifika jippreżenta risposta għall-kontro-talba. Jekk jonqos milli jagħmel dan, it-Tribunal jista' jgħaddi biex jiddeċiedi t-tilwima fl-assenza tiegħu.

| GĦALL-UŻU UFFIĊJALI BISS | |
|---|---|
| AMMONT MITLUB | € |
| DRITTIJIET TAL-PREŻENTATA | € |
| DRITTIJIET TAN-NOTIFIKA | € |
| **TOTAL** | **€** |

| | |
|---|---|
| **AMMONT MITLUB**<br>Indika kemm hu l-ammont mitlub mir-rikorrent | € |
| **ĊESSJONI TA' PARTI MIT-TALBA**<br><br>Jekk qiegħed iċċedi parti mit-talba tiegħek 'il fuq minn €10,000.00, għandek tiffirma din id-dikjarazzjoni | Jien niddikjara li kull ammont mit-talba tiegħi 'l fuq minn €10,000.00 qiegħed jiġi ċedut<br><br>……………………………………………………………<br>Firma |

**Jekk jogħġbok indika n-numru tal-file tar-Reġistru tat-talba li qed issir kontrik: CCT …………………**

| | |
|---|---|
| **STADJU 1**<br><br>Imla l-Avviż tal-Kontro-talba billi tikteb b'mod ċar jew tittajpja l-informazzjoni mitluba.<br><br>**STADJU 2**<br><br>L-Avviż tal-Kontro-talba għandu jiġi preżentat fir-Reġistru tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. Għandek tħallas id-dritt tal-preżentata, li jiddependi mill-ammont li qiegħed titlob u d-dritt tan-notifika. Is-Segretarju tat-Tribunal imbagħad jgħaddi biex jinnotifika f'ismek lill-intimat b'kopja tal-Avviż tal-Kontro-talba flimkien mar-Risposta għal Talba tiegħek.<br><br>**STADJU 3**<br><br>Jekk ir-rikorrent jippreżenta Risposta għal Kontro-talba, inti tiġi nnotifikat/a b'kopja ta' dik ir-risposta. Jekk fi żmien 18-il jum mill-jum tan-notifika tal-Avviż tal-Kontro-talba ma tiġi preżentata l-ebda Risposta għal Kontro-talba, inti tista' tapplika għall-ħruġ ta' ordni ta' inadempjenza kontra dak ir-rikorrent li jkun naqas milli jippreżenta risposta għall-kontro-talba. | **MINN**<br><br>Għandek tassigura li l-indirizz inidikat minnek huwa korrett għaliex is-Segretarju tat-Tribunal se jibgħatlek l-avviżi jew informazzjoni oħra fl-indirizz indikat. Jekk int tibdel l-indirizz tiegħek, jekk jogħġbok avża lis-Segretarju tat-Tribunal b'dan minnufih billi ċċempel fuq 21227070 jew tibgħat email fuq tribunal.cases@mccaa.org.mt<br><br>**LIL**<br>Għandek tassigura li l-isem u l-indirizz tar-rikorrent huma korretti. Jekk hemm iktar minn rikorrent wieħed, indika l-isem ta' kull rikorrent (ħdejn xulxin) fl-ispazju provdut. F'każ bħal dan però kun żgur li t-talba hija riżultat tal-istess transazzjoni.<br><br>**AMMONT MITLUB**<br>Jekk il-valur tal-kontro-talba tiegħek huwa ta' iktar minn €10,000.00 (mingħajr ma tqis id-drittijiet tal-preżentata u tan-notifika), int xorta għadek tista' tippreżenta l-kontro-talba tiegħek quddiem it-Tribunal jekk int lest li ċċedi dik il-parti tat-talba tiegħek li teċċedi l-€10,000.00. F'dan il-każ, għandek tiddikjara fit-taqsima 'Ċessjoni ta' Parti mit-Talba' li inti tkun qed iċċedi dik il-parti mit-talba tiegħek 'il fuq minn €10,000.00.<br><br>**SPJEGA X'ĠARA**<br>Għandek iżżomm id-deskrizzjoni tiegħek fil-qosor u għandek tindika dettalji biżżejjed sabiex l-intimat jifhem x'inhu l-każ tiegħek b'mod ċar. Se jkollok l-opportunità li tippreżenta l-fatti kollha waqt is-seduta. Għandek tinkludi l-fotokopji tad-dokumenti relevanti kollha li tixtieq tippreżenta.<br><br>**FEJN GĦANDEK TIPPREŻENTA L-AVVIŻ TAL-KONTRO-TALBA**<br>Avviż tal-Kontro-talba għandu jiġi preżentat fir-Reġistru tat-Tribunal fejn tkun seħħet it-transazzjoni li għaliha tkun qed tirreferi t-talba. |

**F'każ li għandek bżonn aktar informazzjoni jew gwida, inti tista' tikkuntattja lis-Segretarju tat-Tribunal fuq 21227070 jew tibgħat *email* fuq tribunal.cases@mccaa.org.mt**

## DETTALJI DWAR IL-KONTRO-TALBA - tkompli

| | | |
|---|---|---|
| **INDIKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN IL-PARTI** | Isem u kunjom tal-persuni li bi ħsiebek tħarrek bħala xhieda | |
| **SPJEGA XĠARA** | **TISTA' TEHMEŻ IKTAR KARTI JEKK DAN L-ISPAZJU MHUWIEX BIŻŻEJJED** | |
| Għandek tindika x'qiegħed titlob billi tiddikjara fil-qosor il-fatti li wasslu għat-tilwima | | |
| Tikkunsidra seduta virtwali (post remot) minflok li tattendi fiżikament ġewwa t-Tribunal? | IVA ☐ | LE ☐ |
| | Firma tar-rikorrent | Data |

| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU |
|---|
| LOKALITÀ |

## FORMOLA 2

### RISPOSTA GĦAL TALBA
### FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI

| | |
|---|---|
| **LIL**<br><br>Indika l-isem, in-numru tal-karta tal-identità, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon u, jew tal-mobile tal-persuna li qiegħda tagħmel it-talba kontrik | **RIKORRENT**<br>(min qed jagħmel it-talba) |
| **MINN**<br><br>Indika l-isem, in-numru tal-karta tal-identità u/jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon u, jew tal-mobile tal-intimat li qed jippreżenta din ir-risposta | **INTIMAT**<br>(min qed jirċievi t-talba) |

**AVVIŻ LILL-INTIMAT**

Jekk flimkien mar-Risposta għal Talba tkun trid tagħmel kontro-talba, int stess għandek timla wkoll Avviż tal-Kontro-talba fuq l-istruzzjonijiet li hemm f'dik il-formola (Formola 1A). Għandek tassigura li l-Avviż tal-Kontro-talba jkun ippreżentat flimkien mar-Risposta għal Talba tiegħek.

| **GĦALL-UŻU UFFIĊJALI BISS** | |
|---|---|
| AMMONT MITLUB* | € |
| DRITTIJIET TAL-PREŻENTATA | € |
| DRITTIJIET TAN-NOTIFIKA | € |
| **TOTAL** | € |

***L-ammont mitlub huwa biss applikabbli jekk inti bħala intimat tkun qiegħed tagħmel ukoll kontro-talba flimkien ma' din ir-risposta.**

| | |
|---|---|
| **STADJU 1**<br><br>Imla r-Risposta għal Talba billi tikteb b'mod ċar jew tittajpja l-informazzjoni mitluba.<br><br>**STADJU 2**<br><br>Ir-Risposta għal Talba għandha tiġi preżentata fir-Reġistru tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. Għandek tħallas id-dritt tal-preżentata u tan-notifika. Ir-Risposta għal Talba trid issir fi żmien 18-il jum minn meta tkun notifikat bl-Avviż tat-Talba.<br><br>**STADJU 3**<br><br>Is-Segretarju tat-Tribunal jinnotifika kopja tar-Risposta għal Talba tiegħek lir-rikorrent. Id-data tas-seduta, il-post fejn it-tilwima ser tinstema' u l-Arbitru li se jippresjedi huma dawk speċifikati fil-formola tal-Avviż tas-Seduta li int irċevejt flimkien ma' din il-formola. | **MINN**<br><br>Għandek tassigura li l-indirizz tiegħek huwa korrett għaliex is-Segretarju tat-Tribunal se jibgħatlek l-avviżi jew informazzjoni oħra fl-indirizz indikat. Jekk l-indirizz jinbidel, jekk jogħġbok avża lis-Segretarju tat-Tribunal b'dan minnufih billi ċċempel fuq 21227070 jew tibgħat email fuq tribunal.cases@mccaa.org.mt.<br><br>**TILWIMA**<br><br>Għandek iżżomm id-deskrizzjoni tal-fatti tiegħek fil-qosor u għandek tinkludi dettalji suffiċjenti sabiex tindika lir-rikorrent u lit-Tribunal liema partijiet tat-talba inti qed tikkontesta u r-raġuni. Jekk hemm partijiet fl-Avviż tat-Talba li taqbel magħhom, għandek tassigura li tinkludihom fir-risposta tiegħek.<br><br>**KONTRO-TALBA**<br><br>Jekk għandek intenzjoni li tagħmel kontro-talba, li hija talba kontra r-rikorrent, għandek timla wkoll l-Avviż ta' Kontro-talba flimkien mar-Risposta għal Talba tiegħek. Sabiex tagħmel kontro-talba, din it-talba għandha tkun marbuta ma', jew relatata mat-talba li r-rikorrent ikun għamel kontrik. |

**F'każ li għandek bżonn aktar informazzjoni jew gwida inti tista' tikkuntattja lis-Segretarju tat-Tribunal fuq 21227070 jew tibgħat email fuq tribunal.cases@mccaa.org.mt**

A 502

## **DETTALJI DWAR IR-RISPOSTA GĦAL TALBA** - tkompli

| | | |
|---|---|---|
| **INDIKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN IL-PARTI** | Isem u kunjom tal-persuni li beħsiebek tħarrek bħala xhieda | |
| **SPJEGA X'ĠARA** | **TISTA' TEHMEŻ IKTAR KARTI JEKK DAN L-ISPAZJU MHUWIEX BIŻŻEJJED** | |
| Għandek tindika jekk għandekx xi oġġezzjoni għat-talba kif magħmula. Jekk għandek xi kontestazzjoni, għandek tispjega dak li ma taqbilx miegħu u r-raġuni. | | |
| Tikkunsidra seduta virtwali (post remot) minflok li tattendi fiżikament ġewwa t-Tribunal? | IVA ☐ | LE ☐ |
| | Firma tal-intimat | Data |

| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU |
|---|
| LOKALITÀ |

# FORMOLA 2A

## RISPOSTA GĦAL KONTRO-TALBA<br>FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI

| | |
|---|---|
| **LIL**<br><br>Indika l-isem, in-numru tal-karta tal-identità u/jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon u.jew tal-mobile tal-persuna li qiegħda tagħmel il-kontro-talba kontrik | **INTIMAT**<br>(min qed jirċievi t-talba) |
| **MINN**<br><br>Indika l-isem, in-numru tal-karta tal-identità, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefon/mobile tar-rikorrent li qiegħed jippreżenta din ir-risposta għal kontro-talba | **RIKORRENT**<br>(min qed jagħmel it-talba) |

| GĦALL-UŻU UFFIĊJALI BISS | |
|---|---|
| DRITTIJIET TAL-PREŻENTATA | € |
| DRITTIJIET TAN-NOTIFIKA | € |
| **TOTAL** | **€** |

| STADJU 1 | MINN |
|---|---|
| Imla r-Risposta għal Kontro-talba billi tikteb b'mod ċar jew tittajpja l-informazzjoni mitluba.<br><br>**STADJU 2**<br><br>Ir-Risposta għal Kontro-talba għandha tiġi preżentata fir-Reġistru tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. Għandek tħallas id-dritt tal-preżentata u tan-notifika. Ir-Risposta għal Kontro-talba trid issir fi żmien 18-il jum minn meta tkun notifikat bl-Avviż tal-Kontro-talba.<br><br>**STADJU 3**<br><br>Is-Segretarju tat-Tribunal jibgħat kopja tar-Risposta għal Kontro-talba tiegħek lill-intimat. Id-data tas-seduta, il-post fejn it-tilwima ser tinstema' u l-Arbitru li se jippresjedi huma dawk speċifikati fil-formola tal-Avviż tas-Seduta li kont notifikat biha wara li ppreżentajt l-Avviż tat-Talba tiegħek. | Għandek tassigura li l-indirizz tiegħek huwa korrett għaliex is-Segretarju tat-Tribunal se jibgħatlek l-avviżi jew informazzjoni oħra fl-indirizz indikat. Jekk l-indirizz jinbidel, jekk jogħġbok avża lis-Segretarju tat-Tribunal minnufih billi ċċempel fuq 21227070 jew tibgħat email fuq tribunal.cases@mccaa.org.mt.<br><br>**TILWIMA**<br><br>Għandek iżżomm id-deskrizzjoni tiegħek fil-qosor u għandek tinkludi dettalji suffiċenti sabiex tindika lill-intimat u lit-Tribunal liema partijiet tat-talba hemm tilwima dwarhom u r-raġuni. Jekk hemm partijiet fl-Avviż tal-Kontro-talba li taqbel magħhom, għandek tassigura li tinkludihom fir-risposta tiegħek. |

**F'każ li għandek bżonn aktar informazzjoni jew gwida, inti tista' tikkuntattja lis-Segretarju tat-Tribunal fuq 21227070 jew tibgħat *email* fuq tribunal.cases@mccaa.org.mt**

A 505

**DETTALJI DWAR IR-RISPOSTA GĦAL KONTRO-TALBA**
tkompli

| | | |
|---|---|---|
| **INDIKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN IL-PARTI** | Isem u kunjom tal-persuni li beħsiebek tħarrek bħala xhieda | |
| **TILWIMA** | **TISTA' TEHMEŻ IKTAR KARTI JEKK DAN L-ISPAZJU MHUWIEX BIŻŻEJJED** | |
| Għandek tindika jekk għandekx xi oġġezzjoni għat-talba kif magħmula. Jekk għandek xi kontestazzjoni, għandek tispjega dak li ma taqbilx miegħu u r-raġuni. | | |
| Tikkunsidra seduta virtwali (post remot) minflok li tattendi fiżikament ġewwa t-Tribunal? | IVA ☐ | LE ☐ |
| | Firma tal-intimat | Data |

A 506

| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU |
| --- |
| LOKALITÀ |

# FORMOLA 3

**APPLIKAZZJONI GĦAL ORDNI TA' INADEMPJENZA**
FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI

Fil-każ bejn

Indika l-ismijiet tal-partijiet fit-tilwima billi tikkopja d-dettalji mill-Avviż tat-Talba

**RIKORRENT**
(min qed jagħmel it-talba)

U

**INTIMAT**
(min qed jirċievi t-talba)

Isem il-parti li qed tagħmel l-applikazzjoni

**APPLIKANT**
(min qed jagħmel din l-applikazzjoni)

B'dan qiegħed nitlob bir-rispett li dan it-Tribunal joħroġ ordni ta' inadempjenza kontra

.................................................................................................

.................................................................................................

(niżżel isem u l-indirizz u n-numru tal-karta tal-identità, jekk disponibbli, tal-parti li kontriha jkun qed jintalab il-ħruġ tal-ordni ta' inadempjenza)

| | |
| --- | --- |
| Nikkonferma li l-ammont li għadu dovut lili huwa ta' | € |
| ................................................................................................<br>Firma tal-Applikant | ......................<br>Data |

A 507

| **GĦALL-UŻU TAL-UFFIĊĊJU BISS** | |
|---|---|
| AMMMONT MITLUB | € |
| Spejjeż | € |
| Imgħax | € |

| DIGRIET TAL-ARBITRU | |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| ........................................................................................ Firma tal-Arbitru | .................... Data |

A 508

| | |
|---|---|
| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU | |
| LOKALITÀ | |

**FORMOLA 4**

**AVVIŻ TAS-SEDUTA**
**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI**

**LIL**

| |
|---|
| **RIKORRENT**<br>(min qed jagħmel it-talba) |

U

| |
|---|
| **INTIMAT**<br>(min qed jirċievi t-talba) |

Ġentilment ninfurmak illi s-seduta dwar it-tilwima tiegħek ser issir quddiem Arbitru tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi

| | | |
|---|---|---|
| **FI** | ......................................................................<br>Data | ....................<br>Ħin |
| **INDIRIZZ** | (Indirizz fejn se ssir is-seduta jew il-*link* virtwali (jekk applikabbli)) | |
| **QUDDIEM** | (Isem tal-Arbitru) | |
| | ...........................................................................................<br>Firma tas-Segretarju tat-Tribunal | ....................<br>Data |

**AVVIŻ LILL-PARTIJIET**

Għandek tkun avżat li jekk tonqos milli tidher fis-seduta mingħajr ma tagħti raġuni valida, l-Arbitru jista' jiddeċiedi t-tilwima fin-nuqqas tiegħek u jaqta' li jkollok tbati l-ispejjeż. Jekk int ma tistax tattendi għas-seduta għandek għaldaqstant tapplika bil-miktub minnufih lit-Tribunal sabiex titlob differiment, filwaqt li tispjega r-raġuni għaliex ma tistax tattendi. Fi kwalunkwe każ, ikun fid-diskrezzjoni tat-Tribunal li jiddeċiedi jekk it-talba tiegħek tkunx waħda ġustifikabbli jew le.

**AVVIŻ TAS-SEDUTA**

**1.** Għandek tattendi għas-seduta mill-anqas għaxar (10) minuti qabel il-ħin stabbilit.

**2.** Għandek tassigura li tkun imħejji sew, billi din se tkun l-unika opportunità li se jkollok biex iġġib il-każ u l-provi tiegħek quddiem it-Tribunal.

**3.** Għandek issegwi l-punti importanti li ġejjin:

- Għandek iġġib id-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ bħal irċevuti, korrispondenza jew xi ftehim.

- Għandek tassigura li kwalunkwe xhieda li teħtieġ ix-xhieda tagħhom għandhom jaslu kmieni. Jekk xhud ma jkunx lest li jattendi minn jeddu, int għandek tirrikorri quddiem it-Tribunal sabiex joħroġ Taħrika ta' Xhud (Formola 5). It-taħrika hija ordni tat-Tribunal li tordnalu jattendi għas-seduta.

- Għandek tipprepara dak kollu li tkun ser tgħid minn qabel.

- Għandek tirrevedi l-fatti kollha f'ordni kronoloġika. Waqt is-seduta tista' tirreferi għal xi notamenti li tkun ippreparajt minn qabel.

- Meta tidher quddiem it-Tribunal huwa essenzjali li tilbes b'mod xieraq. L-irġiel huma meħtieġa li jilbsu ġlekk u ingravata.

A 510

| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU |
| --- |
| LOKALITÀ |

# FORMOLA 5

## TAĦRIKA TA' XHUD
## FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI

Indika l-ismijiet tal-partijiet fit-tilwima billi tikkopja d-dettalji mill-Avviż tat-Talba

**RIKORRENT**
(min qed jagħmel it-talba)

U

**INTIMAT**
(min qed jirċievi t-talba)

**LIL**
Indika l-isem u l-indirizz tal-persuna li teħtieġ li tattendi quddiem it-Tribunal

**XHUD**

Indika l-parti li teħtieġ lix-xhud

**APPLIKANT**
(min qed jagħmel l-applikazzjoni)

**DATA U INDIRIZZ TAS-SEDUTA**

Ix-xhud huwa meħtieġ li jattendi quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi

Indika l-post, il-jum u l-ħin tas-seduta

| fi | ................................. Data | fi | ....................................... Ħin |
| --- | --- | --- | --- |
| indirizz | (Indirizz fejn ix-xhud għandu jattendi jew il-link virtwali (jekk applikabbli)) | | |

A 511

# GĦAL LIEMA RAĠUNI QED JITĦARREK IX-XHUD

| | | |
|---|---|---|
| Indika fil-qosor lix-xhud tiegħek għaliex teħtieġ ix-xhieda tiegħu | | |
| | Ix-xhud hu meħtieġ iġib dawn id-dokumenti u/jew affarijiet oħra | |
| Jekk teħtieġ lix-xhud iġib xi dokumenti u/jew affarijiet oħra fis-seduta, għandek telenkom hawn | | |
| Iffirma u indika d-data tat-taħrika tiegħek | ........................................................................ Firma ta' min jitlob it-taħrika | ...................... Data |

**GĦAL UŻU UFFIĊJALI BISS**
**DIGRIET TAL-ARBITRU**

Wara li kkunsidrajt din it-talba għal taħrika ta' xhud, qiegħed b'dan nawtorizza l-ħruġ ta' din it-taħrika u nordna lix-xhud jidher fil-post, il-jum u l-ħin kif mistenni qabel u sabiex iġib kull dokument u/jew affarijiet oħra kif meħtieġa f'din it-taħrika.

..............................................
Firma tal-Arbitru

......................
Data

A 512

**AVVIŻ LIX-XHUD**

Ġaladarba ġejt notifikat b'taħrika ta' xhud hekk kif debitament awtorizzata mit-Tribunal, inti għandek għaldaqstant tattendi għas-seduta tat-Tribunal fid-data, l-ħin u l-post indikat f'din it-taħrika u għandek iġġib miegħek kull dokument u/jew affarijiet oħra meħtieġa fit-taħrika.

**TAĦRIKA TA' XHUD**

M'għandekx għalfejn titlob lit-Tribunal joħroġ Taħrika ta' Xhud kemm-il darba x-xhud tiegħek huwa lest li jattendi minn jeddu.

Għandek timla t-Taħrika ta' Xhud billi timxi mal-istruzzjonijiet fuq il-formola, u billi tikteb b'mod ċar jew tittajpja l-informazzjoni mitluba.

It-Taħrika ta' Xhud għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi. Jekk tkun teħtieġ li x-xhud iġib xi dokumenti speċifiċi (eżempju irċevuti), għandek telenkahom fit-taħrika.

Ftakar li għandek tippreżenta t-taħrika fi żmien xieraq qabel il-jum tas-seduta meta tkun teħtieġ lix-xhud li jattendi. Jekk xhud li jkun ġie debitament notifikat bit-taħrika jonqos milli jattendi, l-Arbitru jista' mbagħad joħroġ Ordni ta' Skorta kontrih.

| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU |
|---|
| LOKALITÀ |

**FORMOLA 6**

## ORDNI TA' SKORTA
## FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI

Fil-każ bejn:

**RIKORRENT**
(min qed jagħmel it-talba)

U

**INTIMAT**
(min qed jirċievi t-talba)

LIL

(Uffiċjal eżekutur tal-ordni ta' skorta)

Billi x-xhud

(Isem u indirizz sħiħ tax-xhud)

kien ġie notifikat b'Taħrika ta' Xhud fis-seduta ta' din it-tilwima u dak ix-xhud naqas milli jobdi t-taħrika, u ninsab sodisfatt li x-xhieda ta' dak ix-xhud hija meħtieġa għall-għanijiet ta' din it-tilwima,

**INT GĦALDAQSTANT ORDNAT LI TWASSAL BI SKORTA U ĠĠIB LIX-XHUD QUDDIEM IT-TRIBUNAL**

| | | | |
|---|---|---|---|
| fi | ................................. Data | fi | ....................................... Ħin |

A 514

indirizz

(Indirizz sħiħ fejn se ssir is-seduta tat-Tribunal)

..................................................... .
Firma tal-Arbitru Data

| NRU TAL-FILE TAR-REĠISTRU |
|---|
| LOKALITÀ |

## FORMOLA 7

### APPLIKAZZJONI VOJTA
### FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATURI

| | |
|---|---|
| Indika l-ismijiet tal-partijiet fit-tilwima billi tikkopja d-dettalji mill-Avviż tat-Talba | **RIKORRENT**<br>(min qed jagħmel it-talba) |
| | U |
| | **INTIMAT**<br>(min qed jirċievi t-talba) |
| Indika l-isem tal-parti li tkun qed tagħmel l-applikazzjoni | **APPLIKANT**<br>(min qed jagħmel din l-applikazzjoni) |
| Indika fil-qosor dak li qed titlob | ……………………………… ……………….<br>Firma tal-Applikant Data |

".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 145 tal-10 ta' Lulju, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

14th July, 2023

## ACT No. XXIV of 2023

*An ACT to amend the Consumer Affairs Act, Cap. 378, and the Consumer Claims Tribunal Rules to increase the competence of the Consumer Claims Tribunal and to make ancillary and consequential provisions thereto.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title and commencement.

**1.** (1) The short title of this Act is the Consumer Affairs Act and the Consumer Claims Tribunal Rules (Amendment) Act, 2023.

(2) This Act shall come into force on such date or dates as the Minister may by notice in the Gazette establish, and different dates may be so established for different provisions and for different purposes of this Act.

### PART I
### Amendments to the Consumer Affairs Act

Amendments to the Consumer Affairs Act. Cap. 378.

